Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 377/2008

tal-25 ta' April 2008

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' *data* mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' *data* dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1022/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009	L 283	3	30.10.2009
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2013 tat-8 ta' April 2013	L 99	1	9.4.2013

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 377/2008

tal-25 ta' April 2008

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' *data* mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' *data* dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 577/98 jirrikjedi li, fil-każ ta' stħarriġ kontinwu, titfassal lista tal-ġimgħat li jikkostitwixxu l-kwarti (perjodi ta' tliet xhur) ta' referenza għall-istħarriġ.

(2) Skond l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 577/98, jinħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tiġi definita l-kodifikazzjoni tal-varjabbli li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tad-*data*.

(3) Skond l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 577/98 tista' tiġi identifikata lista ta' varjabbli, minn issa 'l quddiem imsejħa varjabbli strutturali, minn fost il-karatteristiċi ta' l-istħarriġ li jeħtieġu jitkejlu biss bħala medji annwali b'referenza għal 52 ġimgħa milli bħala medji ta' kull kwart. Għalhekk, għandhom jiġu stipulati l-kundizzjonijiet għall-użu ta' subkampjun għall-ġbir tad-*data* dwar il-varjabbli strutturali.

(4) Minħabba l-importanza tad-*data* dwar ix-xogħol u l-qgħad, it-totali għal dawn l-indikaturi għandhom ikunu konsistenti kemm jekk jinkisbu mis-subkampjun annwali kif ukoll jekk fuq il-bażi ta' medja annwali ta' l-erba' kampjuni sħaħ ta' kull kwart.

(5) Minħabba l-importanza ta' l-informazzjoni miġbura f'moduli *ad hoc*, din l-informazzjoni għandha tkun tista' tintuża ma' kull varjabbli ieħor mill-istħarriġ.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 577/98 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1372/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jagħmel obbligatorja t-trażmissjoni tal-varjabbli "pagi mill-impjieg prinċipali". Għalhekk, il-kodifikazzjoni tal-varjabbli għandha tiġi emendata.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 430/2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ bil-kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità li jirrigwarda l-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' *data* mill-2006 'l quddiem u l-użu ta' subkampjun

([1]) ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1372/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 42).

▼B

għall-ġbir ta' *data* dwar il-varjabbli strutturali ([1]) jiddefinixxi l-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni tad-*data* mill-2006 'l quddiem. Madankollu, jinħtieġ li tiġi emendata l-iskema ta' kodiċijiet mill-2009 'l quddiem sabiex jitqiesu l-bidliet f'żewġ varjabbli (Qasam ta' l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ mitmuma b'suċċess, u paga fix-xahar mill-impjieg prinċipali), biex jiġu modifikati l-kolonni tat-trażmissjoni skond dan u jiġu kkoreġuti xi żbalji u nuqqasijiet tal-filtru għal varjabbli oħra. Għaldaqstant, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 430/2005 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' Statistika mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Varjabbli strutturali

Il-kundizzjonijiet għall-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' *data* dwar il-varjabbli strutturali huma stipulati fl-Anness I.

Artikolu 2

Kwarti ta' referenza

Id-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza li għandhom jiġu applikati mill-2009 qiegħda stipulata fl-Anness II.

Artikolu 3

Kodifikazzjoni

Il-kodiċijiet għall-varjabbli li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tad-*data* mill-2009 'il quddiem huma stipulati fl-Anness III.

Artikolu 4

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 430/2005 għandu jiġi revokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

Artikolu 5

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 71, 17.3.2005, p. 36. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 973/2007 (ĠU L 216, 21.8.2007, p. 10).
([2]) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

▼B

ANNESS I

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TA' SUBKAMPJUN GĦALL-ĠBIR TAD-DATA DWAR VARJABBLI STRUTTURALI

1. **Varjabbli annwali/ta' kull kwart**

Il-kelma "annwali" fil-kolonna "Perjodiċità" tal-Kodifikazzjoni stipulata fl-Anness III, tidentifika l-varjabbli strutturali li b'mod fakultattiv għandhom jiġu mkejla biss bħala medji annwali, bl-użu ta' subkampjun ta' osservazzjonijiet indipendenti b'referenza għal 52 ġimgħa, milli bħala medji ta' kull kwart. Il-varjabbli ċentrali li għandhom jiġu mkejla kull kwart huma identifikati bħala "kull kwart tas-sena".

2. **Rappreżentattività tar-riżultati**

Għall-varjabbli strutturali, l-iżball standard relattiv (mingħajr ma jitqies l-effett tad-disinn) ta' kull stima annwali li tirrappreżenta 1 % jew aktar tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ma għandux ikun aktar minn:

(a) 9 % għall-pajjiżi b'popolazzjoni ta' bejn miljun u 20 miljun abitanti u,

(b) 5 % għal pajjiżi b'popolazzjoni ta' 20 miljun jew aktar.

Pajjiżi b'anqas minn miljun abitant huma eżenti minn dawn ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni u l-varjabbli strutturali għandhom jingħabru għall-kampjun totali ħlief jekk il-kampjun jissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'(a).

Għal pajjiżi li jużaw subkampjun għall-ġbir tad-data dwar il-varjabbli strutturali, f'każ li tintuża aktar minn mewġa waħda ta' dawn, is-subkampjun totali wżat għandu jikkonsisti minn osservazzjonijiet indipendenti.

3. **Konsistenza tat-totali**

Għandha tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-totali annwali tas-subkampjuni u l-medji annwali tal-kampjuni sħaħ għax-xogħol, għall-qgħad u għall-popolazzjoni mhux attiva skond is-sess u għall-gruppi ta' etajiet li ġejjin: 15 sa 24, 25 sa 34, 35 sa 44, 45 sa 54, 55 +.

4. **Moduli ad hoc**

Il-kampjun użat biex tingħabar l-informazzjoni fuq moduli *ad hoc* għandu wkoll jipprovdi informazzjoni fuq il-varjabbli strutturali.

▼B

ANNESS II

DEFINIZZJONI TAL-KWART TA' REFERENZA

(a) Il-kwarti ta' kull sena jirreferu għat-12-il xahar tas-sena, fejn Jannar, Frar u Marzu jagħmlu l-ewwel kwart, April, Mejju u Ġunju t-tieni kwart, Lulju, Awissu u Settembru t-tielet kwart u Ottubru, Novembru u Diċembru r-raba' kwart.

(b) Il-ġimgħat ta' referenza jiġu allokati lill-kwarti ta' referenza biex ġimgħa tagħmel parti mill-kwart kif definit f'(a) u li għallinqas erbat ijiem minn dik il-ġimgħa jagħmlu parti minnu, sakemm dan ma jirriżultax fis-sitwazzjoni fejn l-ewwel kwart tas-sena jkollu biss 12-il ġimgħa. F'dan il-każ, il-kwarti tas-sena kkonċernata jiġu ffurmati minn blokok konsekuttivi ta' 13-il ġimgħa.

(c) Meta, skond (b), kwart ikun jikkonsisti f'14-il ġimgħa minflok 13-il ġimgħa, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jifirxu l-kampjun fuq l-14-il ġimgħa li huma.

(d) Jekk ma jkunx fattibbli li l-kampjun jiġi mifrux biex ikopri l-14-il ġimgħa tal-kwart, l-Istat Membru kkonċernat jista' jaqbeż ġimgħa ta' dak il-kwart (jiġifieri ma jkoprihiex). Il-ġimgħa li tinqabeż għandha tkun waħda tipika fir-rigward tal-qgħad, ix-xogħol u l-medja tas-sigħat effettivament maħduma u għandha tkun parti minn xahar li jkun fih ħames Ħamisijiet.

(e) L-ewwel kwart ta' l-2009 għandu jibda mit-Tnejn, 29 ta' Diċembru 2008.

Sa tmiem l-2011, l-Istati Membri li jkunu qed jagħmlu l-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol flimkien ma' stħarriġiet oħra bħala stħarriġ wieħed integrat, jistgħu jiddefinixxu l-bidu tal-kwarti ta' referenza ġimgħa qabel milli stipulat f'(a), (b) u (e).

▼B

ANNESS III

KODIFIKAZZJONI

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
				SFOND DEMOGRAFIKU	
HHSEQNUM	1/2	KULL KWART TAS-SENA		*Numru ta' sekwenza fil-familja (għandu jibqa' l-istess għall-mewġiet kollha)*	kulħadd
			01-98	Numru ta' sekwenza b'żewġ ċifri assenjat lil kull membru tal-familja	
HHLINK	3	KULL SENA		*Parentela mal-persuna ta' referenza fil-familja*	HHTYPE=1,3
			1	Persuna ta' referenza	
			2	Konjuġi (jew konviventi) tal-persuna ta' referenza	
			3	Bin/bint il-persuna ta' referenza (jew tal-konjuġi jew il-konviventi tiegħu/tagħha)	
			4	Axxendent tal-persuna ta' referenza (jew tal-konjuġi jew il-konviventi tiegħu/tagħha)	
			5	Qarib ieħor	
			6	Oħrajn	
			9	Mhux applikabbli (HHTYPE≠1,3)	
HHSPOU	4/5	KULL SENA		*Numru ta' sekwenza tal-konjuġi jew tal-konviventi*	HHTYPE=1,3
			01-98	Numru ta' sekwenza tal-konjuġi jew tal-konviventi fil-familja	
			99	Mhux applikabbli (il-persuna mhix parti minn familja privata, jew m'għandhiex sieħeb/sieħba, jew is-sieħeb/sieħba mhux parti minn din id-dar privata)	
HHFATH	6/7	KULL SENA		*Numru ta' sekwenza tal-missier*	HHTYPE=1,3
			01-98	Numru ta' sekwenza tal-missier fil-familja	
			99	Mhux applikabbli (il-persuna mhix parti minn familja privata, jew il-missier mhux parti minn din id-dar privata)	
HHMOTH	8/9	KULL SENA		*Numru ta' sekwenza ta' l-omm*	HHTYPE=1,3
			01-98	Numru ta' sekwenza ta' l-omm fil-familja	
			99	Mhux applikabbli (il-persuna mhix parti minn familja privata, jew l-omm mhix parti minn din il-familja privata)	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
SEX	10	KULL KWART TAS-SENA		*Sess*	kulħadd
			1	Maskili	
			2	Femminili	
YEARBIR	11/14	KULL KWART TAS-SENA		*Sena tat-twelid*	kulħadd
				Jitniżżlu l-4 ċifri tas-sena tat-twelid	
DATEBIR	15	KULL KWART TAS-SENA		*Data tat-twelid kif torbot ma' tmiem il-perjodu ta' referenza*	kulħadd
			1	Jum twelid il-persuna jaqa' bejn l-1 ta' Jannar u tmiem il-ġimgħa ta' referenza	
			2	Jum it-twelid tal-persuna jaqa' wara tmiem il-ġimgħa ta' referenza	
MARSTAT	16	KULL SENA		*Stat ċivili*	kulħadd
			1	Ġuvni/Xebba	
			2	Miżżewweġ/ġa	
			3	Armel/armla	
			4	Divorzjat/a jew separat/a legalment	
			vojt	Ebda tweġiba	
NATIONAL	17/18	KULL KWART TAS-SENA		*Ċittadinanza*	kulħadd
				Għall-kodifikazzjoni, ara l-klassifika ISO tal-pajjiżi	
YEARESID	19/20	KULL KWART TAS-SENA		*Numru ta' snin ta' residenza f'dan il-pajjiż*	kulħadd
			00	Mwieled/da f'dan il-pajjiż	
			01-99	Numru ta' snin ta' residenza f'dan il-pajjiż	
			vojt	Ebda tweġiba	
COUNTRYB	21/22	KULL KWART TAS-SENA		*Pajjiż tat-twelid*	YEARESID≠00
				Għall-kodifikazzjoni, ara l-klassifika ISO tal-pajjiżi	
			99	Mhux applikabbli (kol.19/20=00)	
			vojt	Ebda tweġiba	
PROXY	23	KULL KWART TAS-SENA		*Tip ta' parteċipazzjoni fl-istħarriġ*	kull min għandu 15-il sena jew aktar
			1	Parteċipazzjoni diretta	
			2	Parteċipazzjoni permezz ta' membru ieħor fid-dar	
			9	Mhux applikabbli (tifel/tifla taħt il-15 il-sena)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
				STAT TAX-XOGĦOL	
WSTATOR	24	KULL KWART TAS-SENA		*Stat tax-xogħol matul il-ġimgħa ta' referenza*	kull min għandu 15-il sena jew aktar
			1	Il-persuna għamlet xi xogħol bi ħlas jew għal profitt matul il-ġimgħa ta' referenza - siegħa jew aktar (inkluż ħaddiema mal-familja iżda eskluži dawk li jinqabdu bil-lieva jew fuq servizz obbligatorju fil-komunità)	
			2	Ma kinitx qed taħdem iżda kellha xogħol jew negozju u ma kinitx preżenti matul il-ġimgħa ta' referenza (inklużi ħaddiema mal-familja iżda eskluži dawk li jinqabdu bil-lieva jew fuq servizz obbligatorju fil-komunità)	
			3	Ma kinitx qed taħdem minħabba sensja	
			4	Kienet maqbuda bil-lieva jew fuq servizz obbligatorju fil-komunità	
			5	Oħrajn (15-il sena jew aktar) li la ħadmu u lanqas kellhom xogħol jew negożju matul il-ġimgħa ta' referenza	
			9	Mhux applikabbli (tifel/tifla taħt il-15 il-sena)	
NOWKREAS	25/26	KULL KWART TAS-SENA		*Raġuni għaliex ma ħadmitx minkejja li kellha xogħol*	WSTATOR=2
			00	Maltemp	
			01	Ix-xogħol majna minħabba raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi	
			02	Tilwim industrijali	
			03	Edukazzjoni skolastika jew taħriġ	
			04	Mard, korriment jew diżabilità temporanja tagħha stess	
			05	Ġranet frank tal-maternità	
			06	Ġranet frank tal-ġenituri	
			07	Btajjel	
			08	Ġranet frank b'kumpens (fi ħdan qafas ta' kuntratt ta' ġbir ta' sigħat ta' xogħol jew kuntratt ta' numru ta' sigħat f'sena)	
			09	Raġunijiet oħra (eż. responsabbiltajiet personali jew tal-familja)	
			99	Mhux applikabbli (WSTATOR=1,3-5,9)	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
				KARATTERISTIĊI TA' L-IMPJIEG TAX-XOGHOL PRINĊIPALI	
STAPRO	27	KULL KWART TAS-SENA		*Stat professjonali*	WSTATOR=1,2
			1	Taħdem għal rasha u bl-impjegati	
			2	Taħdem għal rasha mingħajr impjegati	
			3	Impjegata	
			4	Ħaddiema mal-familja	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
SIGNISAL	28	KULL KWART TAS-SENA		*Il-paga jew is-salarju baqgħu jingħataw*	(WSTATOR=2 u NOWKREAS≠04 u NOWK-REAS≠05 u STAPRO=3) jew WSTATOR=3
			1	Il-persuna kienet assenti għal massimu ta' tliet xhur	
			2	Il-persuna kienet assenti għal aktar minn tliet xhur u tirċievi paga, salarju jew sussidji soċjali li jikkor-rispondu għal nofs is-salarju jew aktar.	
			3	Il-persuna kienet assenti għal aktar minn tliet xhur u tirċievi paga, salarju jew sussidji soċjali li jikkor-rispondu għal anqas minn nofs is-salarju.	
			4	Ma tafx	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR≠2 jew NOWKREAS=04 jew NOWK-REAS=05 jew STAPRO≠3) u WSTATOR≠3	
NACE3D	29/31	KULL KWART TAS-SENA		*Attività ekonomika ta' l-unità lokali*	WSTATOR=1,2
				NACE Rev. 2 ikkodifikat f'livell ta' 2 ċifri jew fejn possibbli 3	
			000	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
ISCO4D	32/35	KULL KWART TAS-SENA		*Xogħol*	WSTATOR=1,2
				►M1 ISCO-08 ◄ ikkodifikat f'li-vell ta' tliet ċifri jew fejn possibbli erbgħa	
			9999	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
SUPVISOR	36	KULL SENA		*Responsabbiltajiet ta' sorveljanza*	STAPRO=3
			1	Iva	
			2	Le	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
			9	STAPRO≠3	
			vojt	Ebda tweġiba	
SIZEFIRM	37/38	KULL SENA		*Numru ta' persuni li jaħdmu fl-unità lokali*	STAPRO=1,3,4, vojt
			01-10	Numru eżatt ta' persuni, jekk hemm bejn wieħed u għaxra	
			11	minn 11 sa 19-il persuna	
			12	minn 20 sa 49 persuna	
			13	50 persuna jew aktar	
			14	Ma tafx iżda anqas minn 11-il persuna	
			15	Ma tafx iżda aktar minn 10 persuni	
			99	Mhux applikabbli (STAPRO=2,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
COUNTRYW	39/40	KULL KWART TAS-SENA		*Pajjiż tal-post tax-xogħol*	WSTATOR=1,2
				Għall-kodifikazzjoni, ara l-klassifika ISO tal-pajjiżi	
			99	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
REGIONW	41/42	KULL KWART TAS-SENA		*Reġjun tal-post tax-xogħol*	WSTATOR=1,2
				NUTS 2	
			99	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
YSTARTWK	43/46	KULL KWART TAS-SENA		*Sena li fiha l-persuna bdiet taħdem ma' dan is-sid jew fuq xogħol għal rasha*	WSTATOR=1,2
				Daħħal l-erba' ċifri tas-sena kkonċernata	
			9999	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
MSTARTWK	47/48	KULL KWART TAS-SENA		*Xahar li fih il-persuna bdiet taħdem ma' dan is-sid jew fuq xogħol għal rasha*	YSTARTWK≠ 9999, vojt & REFYEAR-YSTARTWK <=2
			01-12	Daħħal in-numru tax-xahar ikkonċernat	
			99	Mhux applikabbli (YSTARTWK=9999,vojt jew REFYEAR-YSTARTWK>2)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
WAYJFOUN	49	KULL SENA		*Kien hemm l-involviment ta' l-uffiċċju pubbliku tax-xogħol f'xi mument biex instab ix-xogħol preżenti*	STAPRO=3 & bdiet fuq dan ix-xogħol f'dawn l-aħħar 12-il xahar
			0	Le	
			1	Iva	
			9	STAPRO≠3 jew il-persuna bdiet f'dan ix-xogħol aktar minn sena ilu	
			vojt	Ebda tweġiba	
FTPT	50	KULL KWART TAS-SENA		*Distinzjoni bejn xogħol full-time u part-time*	WSTATOR=1,2
			1	Xogħol full-time	
			2	Xogħol part-time	
			9	WSTATOR≠1,2	
			vojt	Ebda tweġiba	
FTPTREAS	51	KULL SENA		*Raġunijiet għal xogħol part-time*	FTPT=2
				Ix-xogħol part-time qed isir minħabba li:	
			1	Il-persuna qiegħda tattendi korsijiet skolastiċi jew ta' taħriġ	
			2	Mard jew diżabilità tagħha stess	
			3	Kura tat-tfal jew adulti b'nuqqas ta' kapaċità	
			4	Raġunijiet oħra personali jew tal-familja	
			5	Il-persuna ma setgħetx issib xogħol full-time	
			6	Raġunijiet oħra	
			9	Mhux applikabbli (FTPT≠2)	
			vojt	Ebda tweġiba	
TEMP	52	KULL KWART TAS-SENA		*Il-permanenza tax-xogħol*	STAPRO=3
			1	Il-persuna għandha xogħol permanenti jew kuntratt ta' xogħol għal żmien mingħajr limitu	
			2	Il-persuna għandha kuntratt ta' xogħol temporanju għal żmien limitat	
			9	Mhux applikabbli (STAPRO≠3)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
TEMPREAS	53	KULL SENA		*Raġunijiet għaliex il-persuna għandha kuntratt ta' xogħol temporanju għal żmien limitat*	TEMP=2
				Il-persuna għandha kuntratt ta' xogħol temporanju għal żmien limitat minħabba li:	
			1	Il-kuntratt ikopri perjodu ta' taħriġ (apprendisti, nies li qed jitħarrġu, assistenti riċerkaturi, eċċ)	
			2	Il-persuna ma setgħetx issib xogħol permanenti	
			3	Il-persuna ma riditx xogħol permanenti	
			4	Il-kuntratt huwa għal perjodu ta' prova	
			9	Mhux applikabbli (TEMP≠2)	
			vojt	Ebda tweġiba	
TEMPDUR	54	KULL KWART TAS-SENA		*Tul ta' żmien tax-xogħol temporanju jew tal-kuntratt tax-xogħol ta' tul limitat*	TEMP=2
			1	Anqas minn xahar	
			2	Minn xahar sa 3 xhur	
			3	Minn 4 sa 6 xhur	
			4	Minn 7 sa 12-il xahar	
			5	Minn 13 sa 18-il xahar	
			6	Minn 19 sa 24 xahar	
			7	Minn 25 sa 36 xahar	
			8	Aktar minn 3 snin	
			9	Mhux applikabbli (TEMP≠2)	
			vojt	Ebda tweġiba	
TEMPAGCY	55	KULL SENA		*Kuntratt ma' aġenzija ta' xogħol temporanju*	STAPRO=3
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (STAPRO≠3)	
			vojt	Ebda tweġiba	
				XOGHOL ATIPIKU	
SHIFTWK	56	KULL SENA		*Xogħol bix-xift*	STAPRO=3
			1	Il-persuna taħdem bix-xift	
			3	Il-persuna qatt ma taħdem bix-xift	
			9	Mhux applikabbli (STAPRO≠3)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
EVENWK	57	KULL SENA		*Xogħol fil-għaxija*	WSTATOR=1 jew WSTATOR=2
			1	Il-persuna normalment taħdem filgħaxija	
			2	Il-persuna xi kultant taħdem filgħaxija	
			3	Il-persuna qatt ma taħdem filgħaxija	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
NIGHTWK	58	KULL SENA		*Xogħol ta' bil-lejl*	WSTATOR=1 jew WSTATOR=2
			1	Il-persuna normalment tagħmel xogħol ta' bil-lejl	
			2	Il-persuna xi kultant tagħmel xogħol ta' bil-lejl	
			3	Il-persuna qatt ma tagħmel xogħol ta' bil-lejl	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
SATWK	59	KULL SENA		*Xogħol nhar ta' Sibt*	WSTATOR=1 jew WSTATOR=2
			1	Il-persuna normalment taħdem nhar ta' Sibt	
			2	Il-persuna xi kultant taħdem nhar ta' Sibt	
			3	Il-persuna qatt ma taħdem nhar ta' Sibt	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
SUNWK	60	KULL SENA		*Xogħol nhar ta' Ħadd*	WSTATOR=1 jew WSTATOR=2
			1	Il-persuna normalment taħdem nhar ta' Ħadd	
			2	Il-persuna xi kultant taħdem nhar ta' Ħadd	
			3	Il-persuna qatt ma taħdem nhar ta' Ħadd	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
				SIGĦAT MAĦDUMA	
HWUSUAL	61/62	KULL KWART TAS-SENA		*Numru ta' sigħat fil-ġimgħa li normalment jinħadmu bħala parti mix-xogħol prinċipali*	WSTATOR=1,2
			00	Is-sigħat normali ma jistgħux jingħataw minħabba li s-sigħat maħduma jvarjaw minn ġimgħa għal ġimgħa jew minn xahar għal xahar	
			01-98	In-numru ta' sigħat maħduma normalment bħala parti mix-xogħol prinċipali	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
			99	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
HWACTUAL	63/64	KULL KWART TAS-SENA		*Numru ta' sigħat effettivament maħduma matul il-ġimgħa ta' referenza bħala parti mix-xogħol prinċipali*	WSTATOR=1,2
			00	Persuna li għandha xogħol jew negozju u li qatt ma ħadmet fl-attività prinċipali tagħha matul il-ġimgħa ta' referenza	
			01-98	Numru ta' sigħat effettivament maħduma bħala parti mix-xogħol prinċipali matul il-ġimgħa ta' referenza	
			99	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
HWOVERP	65/66	KULL KWART TAS-SENA		*Sahra mħallsa matul il-ġimgħa ta' referenza bħala parti mix-xogħol prinċipali*	STAPRO=3
			00-98	Numru ta' sigħat ta' sahra mħallsa	
			99	Mhux applikabbli (STAPRO3)	
			vojt	Ebda tweġiba	
HWOVERPU	67/68	KULL KWART TAS-SENA		*Sahra mhux mħallsa matul il-ġimgħa ta' referenza bħala parti mix-xogħol prinċipali*	STAPRO=3
			00-98	Numru ta' sigħat ta' sahra mhux imħallsa	
			99	Mhux applikabbli (STAPRO3)	
			vojt	Ebda tweġiba	
HOURREAS	69/70	KULL KWART TAS-SENA		*Raġuni prinċipali li għaliha s-sigħat effettivament maħduma matul il-ġimgħa ta' referenza huma differenti mis-sigħat normali tal-persuna*	HWUSUAL=00-98 & HWACTUAL= 00-98 & WSTATOR=1
				Il-persuna ħadmet aktar mis-soltu minħabba:	
			01	— sigħat varjabbli (pereżempju sigħat ta' xogħol flessibbli)	
			16	— sahra	
			02	— raġunijiet oħra	
				Il-persuna ħadmet anqas mis-soltu minħabba:	
			03	— maltemp	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
			04	— ix-xogħol majna minħabba raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi	
			05	— tilwim industrijali	
			06	— edukazzjoni jew taħriġ	
			07	— sigħat varjabbli (pereżempju sigħat ta' xogħol flessibbli)	
			08	— mard, korriment jew diżabilità temporanja tagħha stess	
			09	— ġranet frank tal-maternità jew tal-ġenituri	
			10	— ġranet frank speċjali għal raġunijiet personali jew tal-familja	
			11	— btajjel annwali	
			12	— btajjel pubbliċi	
			13	— bidu ta'/bidla fix-xogħol matul il-ġimgħa ta' referenza	
			14	— tmiem tax-xogħol mingħajr bidu ta' xi xogħol ieħor matul il-ġimgħa ta' referenza	
			15	— raġunijiet oħra	
			97	Il-persuna ħadmet is-sigħat tas-soltu matul il-ġimgħa ta' referenza (HWUSUAL=HWACTUAL=01-98)	
			98	Il-persuna li s-sigħat tagħha jvarjaw b'mod konsiderevoli minn ġimgħa għal ġimgħa jew xahar għal xahar u li ma tatx raġuni għad-diverġenza bejn is-sigħat attwali u dawk tas-soltu (HWUSUAL=00 & HOURREAS#01-16)	
			99	Mhux applikabbli (WSTATOR=2-5,9 jew HWUSUAL=vojt jew HWACTUAL= vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	
WISHMORE	71	KULL KWART TAS-SENA		*Xewqa għax-xogħol normalment tkun aktar minn numru attwali ta' sigħat*	(WSTATOR=1 jew WSTATOR=2)
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5, 9)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
WAYMORE	72	KULL SENA		*Il-mod kif il-persuna trid taħdem aktar sigħat*	WISHMORE=1
			1	Permezz ta' impjiegi addizzjonali	
			2	Permezz ta' impjieg li fih taħdem aktar sigħat milli fl-impjieg preżenti	
			3	Fi ħdan l-impjieg preżenti biss	
			4	Fi kwalunkwe wieħed mill-modi ta' hawn fuq	
			9	Mhux applikabbli (WISHMORE≠1)	
			vojt	Ebda tweġiba	
HWWISH	73/74	KULL KWART TAS-SENA		*Numru ta' sigħat li l-persuna tixtieq taħdem b'kollox*	WSTATOR=1 jew WSTATOR=2
			01-98	Numru ta' sigħat li tixtieq taħdem b'kollox	
			99	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
HOMEWK	75	KULL SENA		*Xogħol mid-dar*	WSTATOR=1 jew WSTATOR=2
			1	Il-persuna normalment taħdem mid-dar	
			2	Il-persuna xi kultant taħdem mid-dar	
			3	Il-persuna qatt ma taħdem mid-dar	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
LOOKOJ	76	KULL KWART TAS-SENA		*Tfittxija għal xogħol ieħor*	WSTATOR=1 jew WSTATOR=2
			0	Il-persuna mhix tfittex xogħol ieħor	
			1	Il-persuna qed tfittex xogħol ieħor	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
LOOKREAS	77	KULL SENA		*Raġunijiet li għalihom qed tfittex xogħol ieħor*	LOOKOJ=1
			1	— riskju jew ċertezza ta' telf jew terminazzjoni tax-xogħol preżenti	
			2	— ix-xogħol attwali meqjus bħala xogħol tranżizzjonali	
			3	— qed tfittex impjieg addizzjonali biex iżżid aktar sigħat ma' dawk maħduma fl-impjieg preżenti	
			4	— qed tfittex impjieg b'aktar sigħat maħduma milli fl-impjieg preżenti	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
			5	— qed tfittex impjieg b'inqas sigħat maħduma milli fl-impjieg preżenti	
			6	— xewqa li jkollha kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar (eż. paga, ħin ta' xogħol jew ta' vvjaġġar, kwalità tax-xogħol)	
			7	— raġunijiet oħra	
			9	Mhux applikabbli (LOOKOJ≠1)	
			vojt	Ebda tweġiba	
				IT-TIENI IMPJIEG	
EXIST2J	78	KULL KWART TAS-SENA		*Eżistenza ta' aktar minn impjieg jew negozju wieħed*	WSTATOR=1 jew WSTATOR=2
			1	Il-persuna kellha impjieg jew negozju wieħed biss matul il-ġimgħa ta' referenza	
			2	Il-persuna kellha aktar minn impjieg jew negozju wieħed matul il-ġimgħa ta' referenza (mhux minħabba bidla ta' xogħol jew negozju)	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=3-5,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
STAPRO2J	79	KULL KWART TAS-SENA		*Stat professjonali (fit-tieni impjieg)*	EXIST2J=2
			1	Taħdem għal rasha u bl-impjegati	
			2	Taħdem għal rasha mingħajr impjegati	
			3	Impjegata	
			4	Ħaddiema mal-familja	
			9	Mhux applikabbli (EXIST2J=1,9 vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	
NACE2J2D	80/81	KULL KWART TAS-SENA		*Attività ekonomika ta' l-unità lokali (fit-tieni impjieg)*	EXIST2J=2
				Rev. 2 tan-NACE	
			00	Mhux applikabbli (EXIST2J=1,9,vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
HWACTUA2	82/83	KULL KWART TAS-SENA		*Numru ta' sigħat effettivament maħduma matul il-ġimgħa ta' referenza fit-tieni impjieg*	EXIST2J=2
			00	Il-persuna ma ħadmitx fit-tieni impjieg tagħha matul il-ġimgħa ta' referenza	
			01-98	Numru ta' sigħat effettivament maħduma fit-tieni impjieg matul il-ġimgħa ta' referenza	
			99	Mhux applikabbli (EXIST2J=1,9 vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	
				ESPERJENZA TA' XOGĦOL PREĊEDENTI TAL-PERSUNA MHUX F'IMPJIEG	
EXISTPR	84	KULL KWART TAS-SENA		*Eżistenza ta' esperjenza preċedenti ta' xogħol*	WSTATOR=3-5
			0	Il-persuna qatt kellha impjieg (xogħol purament okkażjonali, bħal xogħol matul il-vaganzi, lieva obbligatorja jew servizz fil-komunità ma għandhomx jitqiesu bħala impjieg)	
			1	Il-persuna diġà kellha impjieg (xogħol purament okkażjonali, bħal xogħol matul il-vaganzi, lieva obbligatorja jew servizz fil-komunità ma għandhomx jitqiesu bħala impjieg)	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=1,2 jew 9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
YEARPR	85/88	KULL KWART TAS-SENA		*Is-sena li fiha l-persuna ħadmet l-aħħar*	EXISTPR=1
				Daħħal l-4 ċifri tas-sena li fiha l-persuna ħadmet l-aħħar	
			9999	Mhux applikabbli (EXISTPR=0,9, vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	
MONTHPR	89/90	KULL KWART TAS-SENA		*Xahar li fih il-persuna ħadmet l-aħħar*	YEARPR≠9999, vojt & REFYEAR-YEARPR<=2
			01-12	Daħħal in-numru tax-xahar li fih il-persuna ħadmet l-aħħar	
			99	Mhux applikabbli (YEARPR=9999,vojt jew REFYEAR-YEARPR>2)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
LEAVREAS	91/92	KULL SENA		*Raġuni prinċipali li għaliha l-persuna telqet mill-aħħar impjieg jew negozju*	EXISTPR=1 u REFYEAR-YEARPR<8
			00	Tkeċċija jew sensja	
			01	Xogħol ta' ċertu tul ta' żmien wasal fi tmiem	
			02	Kura tat-tfal jew adulti b'nuqqas ta' kapaċità	
			03	Responsabbiltajiet oħra personali jew tal-familja	
			04	Mard jew diżabilità tagħha stess	
			05	Edukazzjoni jew taħriġ	
			06	Irtirar kmieni mix-xogħol	
			07	Irtirar normali mix-xogħol	
			08	Lieva jew xogħol fil-komunità obbligatorju	
			09	Raġunijiet oħrajn	
			99	Mhux applikabbli (EXISTPR=0,9,-vojt, jew EXISTPR=1 u ma ħadmitx f'dawn l-aħħar 8 snin)	
			vojt	Ebda tweġiba	
STAPROPR	93	KULL KWART TAS-SENA jekk tkun ħadmet biss f'dawn l-aħħar 12-il xahar, inkella KULL SENA		*Stat professjonali fl-aħħar impjieg*	EXISTPR=1 u REFYEAR-YEARPR<8
			1	Taħdem għal rasha u bl-impjegati	
			2	Taħdem għal rasha mingħajr impjegati	
			3	Impjegata	
			4	Ħaddiema mal-familja	
			9	Mhux applikabbli (EXISTPR=0,9, vojt, jew EXISTPR=1 u ma ħadmitx dawn l-aħħar 8 snin)	
			vojt	vojt	
NACEPR2D	94/95	KULL KWART TAS-SENA jekk tkun ħadmet f'dawn l-aħħar 12-il xahar, inkella KULL SENA		*Attività ekonomika ta' l-unità lokali li fiha l-persuna ħadmet l-aħħar* NACE Rev. 2	EXISTPR=1 u REFYEAR-YEARPR<8
			00	Mhux applikabbli (EXISTPR=0,9,-vojt, jew EXISTPR=1 u ma ħadmitx f'dawn l-aħħar 8 snin)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
ISCOPR3D	96/98	KULL KWART TAS-SENA jekk tkun ħadmet f'dawn l-aħħar 12-il xahar, inkella KULL SENA		*Professjoni ta' l-aħħar impjieg* ►**M1** ISCO-08 ◄	EXISTPR=1 u REFYEAR-YEARPR<8
			999	Mhux applikabbli (EXISTPR=0,9,-vojt, jew EXISTPR=1 u ma ħadmitx f'dawn l-aħħar 8 snin)	
			vojt	Ebda tweġiba	
				TFITTXIJA GĦAL XOGĦOL	
SEEKWORK	99	KULL KWART TAS-SENA		*Tfittxija għal xogħol matul l-erba' ġimgħat preċedenti*	(WSTATOR=3-5 jew SIGNISAL=3) u Età<75
			1	Il-persuna diġà sabet xogħol li se jibda fi żmien perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur	
			2	Il-persuna diġà sabet xogħol li se jibda aktar minn tliet xhur oħra u mhix qed tfittex impjieg	
			3	Il-persuna mhix tfittex impjieg u ma sabet ebda xogħol li se jibda aktar 'il quddiem	
			4	Il-persuna qed tfittex impjieg	
			9	Mhux applikabbli (WSTATOR=1,2 jew 9 u SIGNISAL≠3) jew Età ta' 75 jew aktar	
SEEKREAS	100	KULL SENA		*Raġunijiet għaliex il-persuna mhix qed tfittex impjieg* *Il-persuna mhix qed tfittex impjieg minħabba li:*	SEEKWORK=3
			1	— qed tistenna s-sejħa lura għax-xogħol (persuni fuq is-sensja)	
			2	— mard jew diżabilità tagħha stess	
			3	— kura tat-tfal jew adulti b'nuqqas ta' kapaċità	
			4	— responsabbiltajiet oħra personali jew tal-familja	
			5	— edukazzjoni jew taħriġ	
			6	— irtirar mix-xogħol	
			7	— għandha l-idea li ma hemmx xogħol disponibbli	
			8	— raġunijiet oħra	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠3)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
SEEKTYPE	101	KULL KWART TAS-SENA		*Tip ta' impjieg imfittex (jew misjub)*	SEEKWORK= 1,2,4 jew LOOKOJ=1
				L-impjieg imfittex (għal SEEK-WORK=1, 2 l-impjieg misjub) huwa:	
			1	bħala impjegata għal rasha	
				bħala impjegata:	
			2	— u qed tfittex xogħol full-time biss (jew diġà nstab)	
			3	— u qed tfittex xogħol full-time, iżda jekk mhux disponibbli, xogħol part-time jiġi aċċettat	
			4	— u qed tfittex xogħol part-time, iżda jekk mhux disponibbli, xogħol full-time jiġi aċċettat	
			5	— u qed tfittex xogħol part-time biss (jew diġà nstab)	
			6	— u l-persuna ma qalitx jekk hux qed tfittex xogħol full-time jew part-time (jew jekk diġà sabitx)	
			9	Mhux applikabbli (SEEK-WORK≠1,2,4 u LOOKOJ≠1)	
			vojt	Ebda tweġiba	
SEEKDUR	102	KULL KWART TAS-SENA		*It-tul tat-tfittxija għal impjieg*	SEEKWORK= 1,4 jew LOOKOJ=1
			0	It-tfittxija għadha ma nbdietx	
			1	Anqas minn xahar	
			2	xahar- xahrejn	
			3	3-5 xhur	
			4	6-11-il xahar	
			5	12-17-il xahar	
			6	18-23 xahar	
			7	24-47 xahar	
			8	4 snin jew aktar	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠1, 4 u LOOKOJ≠1)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
				METODI UŻATI MATUL L-ERBA' ĠIMGĦAT PREĊEDENTI BIEX JINSTAB IMPJIEG	
METHODA	103	KULL KWART TAS-SENA		*Ikkuntattjat l-uffiċċju pubbliku ta' l-impjiegi biex issib xogħol*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODB	104	KULL KWART TAS-SENA		*Ikkuntattjat aġenzija privata ta' l-impjiegi biex issib xogħol*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODC	105	KULL KWART TAS-SENA		*Applikat direttament mas-sidien*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODD	106	KULL KWART TAS-SENA		*Staqsiet ħbieb, qraba, trejdjunjins, eċċ.*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODE	107	KULL KWART TAS-SENA		*Qiegħdet jew wieġbet għal riklami fil-gazzetti jew ġurnali*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODF	108	KULL KWART TAS-SENA		*Eżaminat reklami fil-gazzetti jew ġurnali*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODG	109	KULL KWART TAS-SENA		*Għamlet test, intervista jew eżami*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
METHODH	110	KULL KWART TAS-SENA		*Fittxet art, bini jew tagħmir*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODI	111	KULL KWART TAS-SENA		*Fittxet għal permessi, liċenzji, riżorsi finanzjarji*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODJ	112	KULL KWART TAS-SENA		*Qed tistenna r-riżultati ta' applikazzjoni għal impjieg*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODK	113	KULL KWART TAS-SENA		*Qed tistenna sejħa minn uffiċċju pubbliku ta' l-impjiegi*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODL	114	KULL KWART TAS-SENA		*Qed tistenna r-riżultati ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ fis-settur pubbliku*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1)	
METHODM	115	KULL KWART TAS-SENA		*Metodu ieħor użat*	SEEKWORK=4 jew LOOKOJ=1
			0	Le	
			1	Iva	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠4 u LOOKOJ≠1))	
WANTWORK	116	KULL KWART TAS-SENA		Rieda għax-xogħol ta' persuna li mhix tfittex impjieg	SEEKWORK=3
				Il-persuna mhix qed tfittex impjieg:	
			1	— iżda tixtieq ikollha impjieg	
			2	— u ma tridx ikollha impjieg	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠3)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
AVAILBLE	117	KULL KWARTTAS-SENA		*Disponibilità li tibda taħdem fi żmien ġimagħtejn* Kieku kellha ssib impjieg issa:	SEEKWORK= 1,4 jew WANTWORK= 1, vojt jew WISHMORE=1
			1	Il-persuna tista' tibda taħdem minnufih (fi żmien ġimagħtejn)	
			2	Il-persuna ma tistax tibda taħdem minnufih (fi żmien ġimagħtejn)	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK≠1, 4 u WANTWORK≠1, vojt u WISHMORE≠1)	
AVAIREAS	118	KULL SENA		*Raġunijiet li għalihom ma tkunx disponibbli biex tibda taħdem fi żmien ġimagħtejn* Il-persuna ma tistax tibda taħdem minnufih (fi żmien ġimagħtejn) minħabba li:	AVAILBLE=2
			1	— għad trid ittemm l-edukazzjoni jew it-taħriġ.	
			2	— għad trid ittemm il-lieva jew is-servizz obbligatorju fil-komunità	
			3	— ma tistax tħalli l-impjieg preżenti fi żmien ġimagħtejn minħabba l-perjodu tan-notifika	
			4	— għandha responsabbiltajiet personali jew tal-familja (inkluża l-maternità)	
			5	— mard jew diżabilità tagħha stess	
			6	— raġunijiet oħra	
			9	Mhux applikabbli (AVAILBLE≠2)	
			vojt	Ebda tweġiba	
PRESEEK	119	KULL SENA		*Is-sitwazzjoni eżatt qabel ma l-persuna bdiet tfittex inpjieg (jew kienet qed tistenna li tibda l-impjieg ġdid)*	SEEKWORK= 1,2,4
			1	Il-persuna kienet qiegħda taħdem (inklużi l-apprendisti, nies fuq taħriġ)	
			2	Il-persuna kienet qed tistudja full-time (eskluži apprendisti, nies fuq taħriġ)	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
			3	Il-persuna kienet fuq il-lieva jew servizz obbligatorju fil-komunità	
			4	Il-persuna kellha responsabbiltajiet domestiċi/tal-familja	
			5	Oħrajn (pereżempju rtirat mix-xogħol)	
			9	Mhux applikabbli (SEEKWORK=3,9)	
			vojt	Ebda tweġiba	
NEEDCARE	120	KULL SENA		*Ħtieġa għal faċilitajiet ta' kura* Il-persuna mhix tfittex impjieg jew qed taħdem part-time minħabba li:	FTPTREAS=3 jew SEEKREAS=3
			1	mhumiex disponibbli servizzi xierqa tal-kura għat-tfal jew ma tiflaħx tħallas għalihom	
			2	mhumiex disponibbli servizzi tal-kura xierqa għall-morda, nies b'diżabilità, jew ix-xjuħ, jew ma tiflaħx tħallas għalihom	
			3	mhumiex disponibbli servizzi tal-kura xierqa għat-tfal kif ukoll għall-morda, nies b'diżabilità, jew ix-xjuħ, jew ma tiflaħx tħallas għalihom	
			4	il-faċilitajiet tal-kura ma jinfluwenzawx id-deċiżjoni li taħdem part-time jew li ma tfittixx impjieg	
			9	Mhux applikabbli (FTPTREAS≠3 u SEEKREAS≠3)	
			vojt	Ebda tweġiba	
REGISTER	121	KULL SENA		*Reġistrazzjoni ma' uffiċċju pubbliku ta' l-impiegi*	kull min huwa ta' età bejn il-15 u l-74 sena
			1	Il-persuna hija rreġistrata ma' uffiċċju pubbliku ta' l-impjiegi u tirċievi benefiċċju jew assistenza	
			2	Il-persuna hija rreġistrata ma' uffiċċju pubbliku ta' l-impjiegi iżda ma tirċevix benefiċċju jew assistenza	
			3	Il-persuna mhijiex irreġistrata ma' uffiċċju pubbliku ta' l-impjiegi iżda tirċievi benefiċċju jew assistenza	
			4	Il-persuna mhijiex irreġistrata ma' uffiċċju pubbliku ta' l-impjiegi u ma tirċevix benefiċċju jew assistenza	
			9	Mhux applikabbli (persuna ta' età taħt il-15-il-sena jew 'il fuq minn 75)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
				STAT TAX-XOGĦOL PRINĊIPALI	
MAINSTAT (fakoltattiv)	122	KULL SENA		*Stat prinċipali*	kull min għandu 15-il sena jew aktar
			1	Il-persuna għandha impjieg jew professjoni, inkluż xogħol mhux bi ħlas għal xi negozju jew azjenda tal-familja, inkluż apprendistat jew taħriġ bi ħlas, eċċ.	
			2	Qiegħda	
			3	Student, taħriġ avvanzat, esperjenza ta' xogħol bla ħlas	
			4	Persuna rtirata jew li rtirat kmieni jew refgħet minn negozju	
			5	Persuna b'diżabilità permanenti	
			6	Fuq servizz militari obbligatorju	
			7	Persuna li qed taqdi xogħol tad-dar	
			8	Persuna mhux attiva oħra	
			9	Mhux applikabbli (tifel/tifla taħt il-15-il sena)	
			vojt	Ebda tweġiba	
				EDUKAZZJONI U TAHRIĠ	
EDUCSTAT	123	KULL KWART TAS-SENA		*Persuna li hija student jew apprendista li attendiet l-iskola regolarment matul dawn l-aħħar erba' ġimgħat*	kull min għandu 15-il sena jew aktar
			1	Kienet student/a jew apprendista	
			3	Persuna li tattendi skola regolari iżda qiegħda bil-vaganzi	
			2	Ma kinetx student/a jew apprendista	
			9	Mhux applikabbli (tifel/tifla taħt il-15-il sena)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼M2

EDUCLEVL	209	KULL TLIET XHUR		*Livell ta' din l-edukazzjoni* ([1])	EDUCSTAT = 1 jew 3
			1	ISCED 1	
			2	ISCED 2	
			3	ISCED 3	
			4	ISCED 4	
			5	ISCED 5	

▼M2

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
			6	ISCED 6	
			7	ISCED 7	
			8	ISCED 8	
			9	Mhux applikabbli (EDUCSTAT ≠ 1 jew 3)	
			blenk	Ebda tweġiba	
EDUCVOC	210	KULL TLIET XHUR		*L-orjentazzjoni ta' din l-edukazzjoni*	EDUCLEVL = 3 sa 4
			1	Ġenerali	
			2	Vokazzjonali	
			9	Mhux applikabbli (EDUCLEVL ≠ 3 sa 4)	
			blenk	Ebda tweġiba	

▼B

COURATT	128	KULL KWART TAS-SENA		*Attendejt xi korsijiet, seminars, konferenzi jew ħadt xi lezzjonijiet privati jew istruzzjoni privata barra mis-sistema regolari ta' l-edukazzjoni (minn issa 'l quddiem imsemmija bħala attivitajiet mgħallma ta' tagħlim) f'dawn l-aħħar erba' ġimgħat?*	Kull min għandu 15-il sena jew aktar
			1	Iva	
			2	Le	
			9	Mhux applikabbli (tifel/tifla taħt il-15-il sena)	
			vojt	Ebda tweġiba	
COURLEN	129/131	KULL KWART TAS-SENA		*Numru ta' sigħat dedikati lill-attivitajiet mgħallma ta' tagħlim f'dawn l-aħħar erba' ġimgħat*	COURATT=1
			3 ċifri	Numru ta' sigħat	
			999	Mhux applikabbli (COURATT=2,9,vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	
COURPURP (fakoltattiv)	132	KULL SENA		*Raġunijiet għall-attività mgħallma ta' tagħlim l-aktar reċenti*	COURATT=1
			1	Huma prinċipalment marbuta max-xogħol (professjonali)	
			2	Huma prinċipalment personali/ soċjali	
			9	Mhux applikabbli (COURATT=2,9,vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
COURFILD (fakoltattiv)	133/135	KULL SENA		*Qasam ta' l-attività mgħallma ta' tagħlim l-aktar reċenti*	COURATT=1
			000	Programmi ġenerali	
			100	Xjenza tat-taħriġ u l-edukazzjoni ta' l-għalliema	
			200	Studji umanistiċi, lingwi u arti	
			222	Lingwi barranin	
			300	Xjenzi soċjali, kummerċ u liġi	
			400	Xjenza, matematika u informatika	
			420	Ix-xjenzi tal-ħajja (inklużi l-bijoloġija u x-xjenza ta' l-ambjent)	
			440	Xjenzi fiżiċi (inklużi l-fiżika, il-kimika u x-xjenza tad-dinja)	
			460	Matematika u statistika	
			481	Xjenza informatika	
			482	Użu tal-Kompjuter	
			500	Inġinerija, manifattura u bini	
			600	Agrikoltura u studji veterinarji	
			700	Saħħa u għajnuna soċjali	
			800	Servizzi	
			900	Mhux magħruf	
			999	Mhux applikabbli (COURATT=2,9,vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	
COURWORH (fakoltattiv)	136	KULL SENA		*L-attività mgħallma ta' tagħlim l-aktar reċenti seħħet matul is-sigħat ta' xogħol bi ħlas?*	COURATT=1
			1	Matul is-sigħat ta' xogħol bi ħlas biss	
			2	L-aktar matul is-sigħat ta' xogħol bi ħlas	
			3	L-aktar barra s-sigħat ta' xogħol bi ħlas	
			4	Barra s-sigħat ta' xogħol bi ħlas biss	
			5	Ma kellhiex xogħol f'dak iż-żmien	
			9	Mhux applikabbli (COURATT=2,9,vojt)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
▼M2					
HATLEVEL	197/199	KULL TLIET XHUR		*Il-livell edukattiv miksub* ([2])	Kull min għandu 15-il sena jew aktar
			000	Ebda edukazzjoni formali jew anqas mill-ISCED 1	
			100	ISCED 1	
			200	ISCED 2 (inklużi l-programmi tal-ISCED 3 li jtulu anqas minn sentejn)	
			302	il-programm tal-ISCED 3 itul sentejn u aktar, sekwenzjali (jiġifieri aċċess għal programm tal-ISCED 3 li jmiss biss)	
			303	il-programm tal-ISCED 3 itul sentejn u aktar, terminali jew aċċess għall-ISCED 4 biss	
			304	l-ISCED 3 b'aċċess għall- ISCED 5, 6 jew 7	
			300	il-programm tal-ISCED 3 li jtul sentejn u aktar, mingħajr distinzjoni possibbli ta' aċċess għal livelli oħra tal-ISCED	
			400	ISCED 4	
			500	ISCED 5	
			600	ISCED 6	
			700	ISCED 7	
			800	ISCED 8	
			999	Mhux applikabbli (tifel/tifla ta' taħt il-15-il sena)	
			blenk	Ebda tweġiba	
HATYEAR	200/203	KULL SENA		*Is-sena meta dan il-livell inkiseb b'suċċess*	HATLEVEL = 100-800
				Jiddaħħlu l-4 numri tas-sena meta l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ inkiseb b'suċċess	
			9999	Not applicable (HATLEVEL ≠ 100 to 800)	
			blenk	Ebda tweġiba	
HATVOC	204	KULL TLIET XHUR		*L-orjentazzjoni ta' dan il-livell*	HATLEVEL = 300 to 400 and
			1	Ġenerali	(15 ≤ ETÀ ≤ 34 jew
			2	Vokazzjonali	(ETÀ > 34 u REFYEAR - HATYEAR ≤ 15))
			9	Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 400 jew (ETÀ > 34 u REFYEAR - HATYEAR > 15))	
			blenk	Ebda tweġiba	

▼M2

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
HATFIELD	205/208	KULL SENA		*Il-qasam ta' dan il-livell*	HATLEVEL = 300 sa 800 u
			0000-9998	*Il-Livell 1 tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ* (3)	(15 ≤ ETÀ ≤ 34 jew
			9999	Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 800 jew (ETÀ > 34 u REFYEAR - HATYEAR > 15))	(ETÀ > 34 u REFYEAR - HATYEAR ≤ 15))
			blenk	Ebda tweġiba	

▼B

IL-QAGĦDA SENA QABEL L-ISTĦARRIĠ

WSTAT1Y	146	KULL SENA		*Il-qagħda f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attività sena qabel l-istħarriġ*	kull min għandu 15-il sena jew aktar
			1	Il-persuna għandha impjieg jew professjoni, inkluż xogħol mhux bi ħlas għal xi negozju jew azjenda tal-familja, inkluż apprendistat jew taħriġ bi ħlas, eċċ.	
			2	Qiegħda	
			3	Student, taħriġ avvanzat, esperjenza ta' xogħol bla ħlas	
			4	Persuna rtirata jew li rtirat kmieni jew refgħet minn negozju	
			5	Persuna b'diżabilità permanenti	
			6	F'servizz militari obbligatorju	
			7	Persuna li qed taqdi xogħol tad-dar	
			8	Persuna mhux attiva oħra	
			9	Mhux applikabbli (tifel/tifla taħt il-15-il sena)	
			vojt	Ebda tweġiba	
STAPRO1Y	147	KULL SENA		*Stat professjonali sena qabel l-istħarriġ*	WSTAT1Y=1
			1	Taħdem għal rasha u bl-impjegati	
			2	Taħdem għal rasha mingħajr impjegati	
			3	Impjegata	
			4	Ħaddiema mal-familja	
			9	Mhux applikabbli (WSTAT1Y≠1)	
			vojt	Ebda tweġiba	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
NACE1Y2D	148/149	KULL SENA		*Attività ekonomika ta' l-unità lokali li fiha l-persuna kienet taħdem sena qabel l-istħarriġ*	WSTAT1Y=1
				NACE Rev. 2	
			00	Mhux applikabbli (WSTAT1Y≠1)	
			vojt	Ebda tweġiba	
COUNTR1Y	150/151	KULL SENA		*Pajjiż ta' residenza sena qabel l-istħarriġ*	Kull min għandu sena jew aktar
				Għall-kodifikazzjoni, ara l-klassifika ISO tal-pajjiżi	
			99	Mhux applikabbli (tifel/tifla taħt sena)	
			vojt	Ebda tweġiba	
REGION1Y	152/153	KULL SENA		*Reġjun ta' residenza sena qabel l-istħarriġ*	Kull min għandu sena jew aktar
				NUTS 2	
			99	Mhux applikabbli (il-persuna bidlet il-pajjiż ta' residenza jew tifel/tifla taħt is-sena)	
			vojt	Ebda tweġiba	
				DHUL	
INCDECIL	154/155	KULL SENA		*Paga fix-xahar (netta) mill-impjieg prinċipali*	STAPRO=3
			01-10	Deciles order	
			99	Mhux applikabbli (STAPRO≠3)	
			vojt	Ebda tweġiba	
				DETTALJI TEKNIĊI MARBUTA MA' L-INTERVISTA	
REFYEAR	156/159	KULL KWART TAS-SENA		*Sena ta' l-istħarriġ*	kulħadd
				L-erba' ċifri tas-sena	
REFWEEK	160/161	KULL KWART TAS-SENA		*Ġimgħa ta' referenza*	kulħadd
				Numru tal-ġimgħa mit-Tnejn sal-Ħadd	
INTWEEK	162/163	KULL KWART TAS-SENA		*Ġimgħa ta' l-intervista*	kulħadd
				Numru tal-ġimgħa mit-Tnejn sal-Ħadd	
COUNTRY	164/165	KULL KWART TAS-SENA		*Pajjiż*	kulħadd
				Għall-kodifikazzjoni, ara l-klassifika ISO tal-pajjiżi	
REGION	166/167	KULL KWART TAS-SENA		*Reġjun tad-dar*	kulħadd
				NUTS 2	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
DEGURBA	168	KULL KWART TAS-SENA		*Grad ta' urbanizzazzjoni*	kulħadd
			1	Żona b'densità għolja tal-popolazzjoni	
			2	Żona intermedja	
			3	Żona b'densità baxxa tal-popolazzjoni	
HHNUM	169/174	KULL KWART TAS-SENA		*Numru ta' serje tal-familja*	kulħadd
				In-numri tas-serje jiġu allokati mill-istituti nazzjonali ta' l-istatistika u jaqgħu l-istess kull darba	
				Ir-reġistri dwar il-membri differenti ta' l-istess familja għandhom l-istess numru tas-serje	
HHTYPE	175	KULL KWART TAS-SENA		*Tip ta' familja*	kulħadd
			1	Il-persuna qed tgħix ma' familja privata (jew b'mod permanenti f'lukanda) u kienet parti mill-istħarriġ f'din il-familja	
			2	Il-persuna qed tgħix f'istituzzjoni u kienet parti mill-istħarriġ f'din l-istituzzjoni	
			3	Il-persuna qed tgħix f'istituzzjoni iżda kienet parti mill-istħarriġ f'din il-familja privata	
			4	Il-persuna qed tgħix f'familja oħra privata fuq it-territorju tal-pajjiż iżda kienet parti mill-istħarriġ f'din il-familja ta' l-oriġini	
HHINST	176	KULL KWART TAS-SENA		*Tip ta' istituzzjoni*	HHTYPE=2,3
			1	Istituzzjoni edukattiva	
			2	Sptar	
			3	Istituzzjoni oħra ta' għajnuna soċjali	
			4	Istituzzjoni reliġjuża (mhux diġà inkluża fil-punti 1-3)	
			5	Ħostel tal-ħaddiema, kwartieri tal-ħaddiema fuq postijiet ta' bini, ħostel ta' l-istudent, residenza universitarja, eċċ.	
			6	Residenza militari	
			7	Oħrajn (pereżempju ħabs)	
			9	Mhux applikabbli (HHTYPE=1.4)	
			vojt	Ebda tweġiba	
COEFFY	177/182	KULL SENA		*Fattur ta' differenzzazzjoni annwali*	kulħadd
			0000-9999	Il-kolonni 177-180 fihom numri sħaħ	
			00-99	Il-kolonni 181-182 fihom il-punti deċimali	

▼B

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
COEFFQ	183/188	KULL KWART TAS-SENA		*Fattur ta' differenzzazzjoni għal kull kwart tas-sena*	kulħadd
			0000-9999	Il-kolonni 183-186 fihom numri sħaħ	
			00-99	Il-kolonni 187-188 fihom il-punti deċimali	
COEFFH	189/194	KULL SENA		*Fattur annwali ta' differenzzazzjoni tal-kampjun għall-karatteristiċi tal-familja (fil-każ ta' kampjun ta' individwi)*	
			0000-9999	Il-kolonni 189-192 fihom numri sħaħ	
			00-99	Il-kolonni 193-194 fihom il-punti deċimali	
INTWAVE	195	KULL KWART TAS-SENA		*Numru tas-sekwenza ta' kull parti mill-istħarriġ*	kulħadd
			1-8	Numru f'sekwenza ta' kull mewġa ta' stħarriġ	
INTQUEST	196	KULL KWART TAS-SENA		*Kwestjonarju użat*	kulħadd
			1	Il-varjabbli ċentrali biss	
			2	Il-kwestjonarju kollu	

►M2 (1) Kodifikar ibbażat fuq l-immeppjar tal-ISCED li jrid jitwassal lill-Eurostat. ◄
►M2 (2) L-ogħla livell ta' edukazzjoni li nkiseb b'suċċess kif definit mill-ISCED 2011, kodifikar ibbażat fuq l-immeppjar tal-ISCED li jrid jitwassal lill-Eurostat.
(3) Jew subdiviżjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ. ◄